MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2008

Numru. 1368/2007

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Thomas Aitchison, iben Thomas, imwieled l-Iskozja fl-4 ta' lulju, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-17 ta' ottubru, 2007 għal habta tat-8.45 p.m. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuni tas-Sup. Carmelo Bartolo u PC1459 M. Buttigieg ġewwa Ta' Qali fl-Istadium Nazzjonali;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi nġurja jew hedded jew għamel ofiża fuq il-persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku li jkunu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxu jew jbeżżagħhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-ervizz u cioe' fuq il-persuni ta' l-istess uffiċjali tal-pulizija msemmija fl-akkuża hawn fuq;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-pulizija jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kien jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħalliex lill-memebri tal-korp tal-pulizija jagħmlu dak li b'liġi kien ordnati li jagħmlu u billi ħassar jew ġab fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bħala awtorita' kien għamlu;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi uża kliem offensive lejn membri tal-korp tal-pulizija msemmija aktar 'il fuq fl-akkuża.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 9 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta billi tinfliġġi l-piena massima u tordna lill-imputat ma jatendix fi 'grounds ta' sports' għall-perjodu massimu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-każ jirrigwarda nċident li ġara fl-Istadium Nazzjonali, Ta' Qali waqt partita nternazzjonali.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien waddab roll toilet paper u bi zball laqgħat Pulizija. Illi fuq l-iskorta tal-provi prodotti ma jirrizultax għala l-imputat ma għandux jitwemmen.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------